

Brussell, 23 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10841/25
PV CONS 36
AGRI 309
PECHE 192
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
23 u 24 ta' Ġunju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 10163/25.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) Lista mhux leġislattiva 10196/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

- b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 10197/25

Agrikoltura

1. **Regolament li jemenda r-Regolament POSEI għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi, b'mod partikolari ċ-ċiklun Chido, li kellu effetti devastanti f'Mayotte**



10067/25 + COR 1
PE-CONS 16/25
+ COR 1
AGRI

Adozzjoni tal-att leġislattiv

Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

approvat mill-KSA fid-19.06.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (bażi legali: l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 349 TFUE). Il-Kunsill qabel ukoll dwar id-deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1.

Ambjent

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart**  10095/25 + ADD 1
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-
dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill 6978/25 + REV 1
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-18.06.2025 (da)
+ ADD 1
ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Dikjarazzjoni mil-Litwanja u dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja jinsabu fl-Anness.

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

3. **Deċiżjoni dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Eġittu**  10066/25
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 18/25
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-19.06.2025 ECOFIN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (bażi legali: l-Artikolu 212(2) TFUE).

LAQGĦA NHAR IT-TNEJN 23 TA' ĠUNJU 2025 (11:00)

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ 10402/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

4. **Omnibus dwar l-agrikoltura**  10362/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni 8983/1/25 REV 1
+ ADD 1
+ ADD 1 COR 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

Affarijiet oħra

5. Agrikoltura

a) **Proposti leġislattivi attwali**



(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

i) **Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel**

10296/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-kummenti u l-mistoqsijiet tad-delegazzjonijiet.

ii) **Regolament dwar l-infurzar transfruntier kontra prattiki kummerċjali ingusti (UTPs) – is-sitwazzjoni attwali**

10297/25

Il-punt 5 a) ii) ġie indirizzat flimkien mal-punt 5 a) i).

iii) **Regolament emendatorju fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għall-prodotti tal-inbid aromatizzati – is-sitwazzjoni attwali**

10607/25

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

b) **Kongress tat-Tiġdid u l-Iżvilupp Rurali (Poznań, 8-10 ta' Mejju 2025)**



10290/25

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

c) **Is-57 Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE (Varsavja, 6-7 ta' Mejju 2025)**



9926/25

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- d) **Konferenza ta' livell għoli dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biex isir progress fil-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel (Varsavja, 11-12 ta' Ġunju 2025)**
Informazzjoni mill-Presidenza

 10595/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżitu tal-konferenza ta' livell għoli dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biex isir progress fil-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, li saret f'Varsavja fil-11 u t-12 ta' Ġunju 2025.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

- e) **Il-protezzjoni ta' ismijiet tradizzjonali ta' ikel li joriġina mill-annimali**
Informazzjoni miċ-Ċekja, l-Awstrija, il-Kroazja l-Ungerija, l-Italja u s-Slovakkja appoġġati minn Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja

 10489/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, l-Awstrija, il-Kroazja¹, l-Ungerija, l-Italja u s-Slovakkja, b'appoġġ minn Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja, dwar il-protezzjoni ta' ismijiet tradizzjonali ta' ikel li joriġina mill-annimali u tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

¹ Il-Kroazja talbet li tissemma bħala kosponser fil-minuti.

SAJD

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 6. Komunikazzjoni dwar is-sajd sostenibbli fl-UE: l-istat attwali u orjentazzjonijiet għall-2026**  9750/25
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-komunikazzjoni tagħha dwar "Is-Sajd sostenibbli fl-UE: l-istat attwali u orjentazzjonijiet għall-2026" u kellu skambju ta' fehmiet.

AGRIKOLTURA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 7. Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati**   9581/25 + COR 1
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposta leġiżlattiva u kellu skambju ta' fehmiet.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett.

- 8. Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti**   9668/25
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposta leġiżlattiva.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett.

**9. Regolament dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti
Ewropej reżiljenti
*Approċċ ġenerali***

 10020/25 + ADD 1
+ ADD 1 COR 1 (lt)
+ ADD 2

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta leġiżlattiva. Il-Kunsill ħa nota wkoll tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Awstrija, il-Finlandja, il-Latvja, is-Slovenja u l-Iżvezja u tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissjoni. Iż-żewġ dikjarazzjonijiet jinsabu fl-Anness.

Affarijiet oħra

10. Sajd

**a) L-użu obbligatorju tal-IT *CATCH* fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat
*Informazzjoni mill-Kummissjoni***

 10231/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-użu obbligatorju ta' CATCH mill-10 ta' Jannar 2026 għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament rivedut dwar il-Kontroll tas-Sajd. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

**b) Implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd
*Informazzjoni mill-Kummissjoni***

 10232/25

Il-punt 10 b) ġie indirizzat flimkien mal-punt 10 a).

**c) Azzjoni għall-irkupru tal-istokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku u prospetti futuri aħjar għas-setturi li jiddependu fuq dawn l-istokkijiet
*Informazzjoni mill-Iżvezja***

 10233/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja dwar azzjoni għall-irkupru tal-istokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku u prospetti futuri aħjar għas-setturi li jiddependu fuq dawn l-istokkijiet. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

d) Aringa Atlantu-Skandjana

 10234/25

Informazzjoni mill-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja dwar id-diffikultajiet tas-sajd għall-aringa Atlantu-Skandjana (ASH). Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

e) Il-Patt Ewropew għall-Oċeani

 9876/25

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Patt Ewropew għall-Oċeani kif ukoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

Agrikoltura

f) Allinjament tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati f'termini tal-MRLs ta'pestiċidi

 9995/25

Informazzjoni mill-Bulgarija, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, Spanja u l-Ungerija, appoġġati mill-Awstrija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, il-Kroazja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija u Spanja, u appoġġati mill-Awstrija.

g) Proposti leġislattivi attwali

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom: – is-sitwazzjoni attwali

  9879/25

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżami tal-proposta u tan-negozjati interistituzzjonali dwarha.

- h) **Sforz konġunt għal agrikoltura adatta għall-futur u kompetittiva - Talbiet dwar id-disponibbiltà ta' metodi effettivi għall-protezzjoni tal-pjanti** 10063/25
Informazzjoni mill-Awstrija, appoġġata miċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Portugall, s-Slovakkja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, bl-appoġġ tal-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Portugall u s-Slovakkja.

- i) **Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "It-tikkettar tal-ikel fl-Unjoni Ewropea"** 10420/25
Informazzjoni mill-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, in-Netherlands u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija l-Estonja, il-Finlandja, in-Netherlands u Spanja.

- j) **Konferenza "Xjenza u Innovazzjoni għal Foresti Reżiljenti" (Sękocin Stary u Rogów, 28-29 ta' Mejju 2025)** 9739/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-Konferenza.

- k) **Konferenza dwar il-Ġestjoni sostenibbli tal-popolazzjonijiet ta' annimali protetti li jikkawżaw telf fl-agrikoltura (Brussell, 15 ta' Mejju 2025)** 9116/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-konferenza rigward il-ġestjoni sostenibbli tal-popolazzjonijiet ta' annimali protetti li jikkawżaw telf fl-agrikoltura.

Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

1 L-ewwel qari

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjoni għall-punt "A" leġiżlattiv li jinsab fid-dokument 10197/25

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA

"Il-Litwanja tappoġġa r-reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tagħha fl-indirizzar tal-immaniġġjar tal-iskart tat-tessuti u tal-ikel madwar l-UE. Madankollu, aħna nemmnu li t-test ta' kompromess attwali ma jindirizzax biżżejjed l-isfidi li jiffaċċaw l-istati membri li jesperjenzaw influżi għoli ta' tessuti użati.

Fil-Litwanja, it-tessuti użati jirrappreżentaw 29 % tal-konsum totali tat-tessuti — ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 7.6 %. L-esklużjoni tal-operaturi tal-użu mill-ġdid mis-sistema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) tinjora r-realtà tal-ġestjoni tat-tessuti użati. Mingħajr kontribuzzjonijiet mill-operaturi tal-użu mill-ġdid kummerċjali, ir-responsabbiltà finanzjarja għall-immaniġġjar tal-iskart taqa' b'mod mhux uniformi fuq il-produtturi li jintroduċu tessuti ġodda fis-suq. Dan jgħid li jkunet il-kapaċità tal-pajjiżi bi swieq sinifikanti tat-tessuti użati li jiffinanzjaw l-immaniġġjar xieraq tal-iskart.

Filwaqt li nilqgħu l-inklużjoni ta' klawżola ta' rieżami, din waħedha ma tipprovdi soluzzjonijiet immedjati. Hija meħtieġa flessibbiltà akbar biex l-istati membri li qed jiffaċċaw dawn l-isfidi jkunu jistgħu jinkludu l-operaturi kummerċjali tal-użu mill-ġdid fis-sistemi tal-EPR tagħhom, biex b'hekk tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ekwa tal-kostijiet u appoġġ għall-immaniġġjar effettiv tal-iskart tat-tessuti.

Il-Litwanja tibqa' impenjata li ttejjeb is-sostenibbiltà tal-immaniġġjar tal-iskart tat-tessuti u thegħġeg aktar konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi uniċi li jiffaċċaw il-pajjiżi b'volumi għoljin ta' tessuti użati."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA, IL-BULGARIJA, ĊIPRU, IĊ- ĊEKJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, IL-KROAZJA, IN-NETHERLANDS, IR-RUMANIJA, SPANJA U L-IŻVEZJA

"Il-premessa 47 turi b'mod ċar il-ħtieġa għas-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-konformità u l-iżgurar tal-akkuratezza, il-kompletezza, l-aġġornament u d-disponibbiltà fir-rigward tal-informazzjoni li l-pjattaformi online jirċievu mill-kummerċjanti, relatati mhux biss mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) iżda wkoll mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart). Ir-Regolament (UE) 2022/2065 ma jillimitax lill-Istati Membri milli jiżguraw li l-obbligi tal-EPR skont id-Direttiva 2008/98/KE jiġu ssodisfati, peress li r-Regolament (UE) 2022/2065 jappoġġa l-infurzar tad-Direttiva 2008/98/KE u l-konformità magħha. Taħt ċerti kundizzjonijiet, il-fornituri tal-pjattaformi online jistgħu jinżammu responsabbli jekk ma jikkonformawx mal-obbligi speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 u d-Direttiva 2008/98/KE. L-Istati Membri ser jeżerċitaw is-setgħat ta' monitoraġġ rispettivi tagħhom f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2022/2065 u mad-Direttiva 2008/98/KE biex jiżguraw il-konformità mill-fornituri tal-pjattaformi online. Sabiex tiġi żgurata l-konformità, il-fornitur tal-pjattaforma online jrid jipprovdi biżżejjed evidenza qabel ma jippermetti lill-produtturi jużaw is-servizzi. B'mod partikolari, dan japplika għall-verifika u l-iżgurar tar-reġistrazzjoni.

Konxji tas-suq tal-kummerċ elettroniku li qed jikber b'rata mgħaġġla u l-konsegwenzi tiegħu deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea *Sett ta' għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli*, noqogħdu fuq l-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi indirizzata din l-isfida sinifikanti. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, li ser tiġi riveduta fl-ambitu tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, jeħtieġ li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u protezzjoni ambjentali kontinwa. Aħna nappoġġaw l-inklużjoni ta' obbligu aktar speċifiku fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart biex jiġi żgurat li l-pjattaformi online jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-reġimi kollha ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR)."

Dwar il-punt "B"
nru 9:

Regolament dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej
reżiljenti
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-AWSTRIJA, IL-FINLANDJA, IL-LATVJA, IS-SLOVENJA U L-IŻVEZJA

"L-Awstrija, il-Finlandja, il-Latvja, l-Iżvezja u s-Slovenja jaqblu li huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni kumparabbli u konsistenti dwar l-istat u l-użu tal-foresti fl-UE sabiex tikkontribwixxi għall-bijoeconomija, tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima, tipproteġi l-bijodiversità u b'hekk issaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-foresti. Mill-bidu nett tan-negożjati, l-Awstrija, il-Finlandja, il-Latvja, l-Iżvezja u s-Slovenja għamluha ċara li l-oġettivi u l-benefiċċji ta' atti legali vinkolanti jrid ikollhom l-għan ta' valur miżjud reali fil-livell tal-UE, u jevitaw spejjeż addizzjonali u rekwiżiti sproporzjonati filwaqt li fl-istess ħin iqisu bis-sħiħ iċ-ċirkostanzi nazzjonali u s-sistemi nazzjonali stabbiliti ta' monitoraġġ tal-foresti, bħala parti minn approċċ minn isfel għal fuq. Barra minn hekk, il-kwalità u s-sigurtà tad-data forestali jridu jiġu ppreservati, speċjalment fir-rigward ta' data operazzjonali sensittiva u l-protezzjoni meħtieġa tal-post tal-irqajja' tal-kampjuni tal-inventarji nazzjonali tal-foresti.

L-Awstrija, il-Finlandja, il-Latvja, l-Iżvezja u s-Slovenja stabbilew sistema li tiffunzjona ta' monitoraġġ tal-foresti għal għexieren ta' snin ibbażata fuq inventarju komprensiv tal-foresti u interpretazzjoni tal-kejl f'informazzjoni minn esperti nazzjonali kompetenti. Il-kooperazzjoni b'suċċess bejn l-inventarji nazzjonali tal-foresti tinkludi, fuq kollox, l-armonizzazzjoni tad-data forestali. L-Istati Membri tal-UE huma inkorporati bl-istess mod fis-sistema internazzjonali ta' rappurtar bi preżentazzjoni perijodika tal-istat tal-foresti (jiġifieri l-Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti u l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa skont il-proċess Forest Europe).

Il-ħidma iebes ta' din il-Presidenza u ta' dawk qabilha rriżultat fit-test ta' kompromess, li jirrappreżenta titjib sinifikanti meta mqabbel mal-proposta inizjali u jitqies bħala pass fid-direzzjoni t-tajba. Dan japplika b'mod partikolari għall-approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq data forestali nazzjonali, it-tħassir ta' mapep ġeografikament espliċiti, l-unitajiet tal-foresti, ċerti indikaturi u l-ommissjoni ta' dispożizzjonijiet relatati mal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti.

Madankollu, għad hemm diversi elementi ewlenin li, mill-perspettiva tagħna, jibbenefikaw minn kjarifika addizzjonali. Dan essenzjalment jikkonċerna l-ħtieġa ta' atti legali f'termini ta' salvagwardja tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, id-definizzjoni tal-foresti, il-ħtieġa li jiġi tħassru indikaturi individwali bħall-foresti primarji u antiki, kif ukoll l-għadd u l-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati. Dan tal-aħħar huwa ta' tħassib partikolari, peress li l-użu estensiv ta' atti delegati jista' jdgħajfeh il-prinċipju tas-sussidjarjetà u jċaqlaq id-deċiżjonijiet fil-kompetenza tal-Istati Membri lil hinn minnhom. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-inklużjoni ta' atti delegati mhux biss ser tqajjem tħassib legali, iżda x'aktarx ukoll twassal għal żieda sinifikanti fl-ispejjeż ta' implimentazzjoni għall-Istati Membri.

L-Awstrija, il-Finlandja, il-Latvja, l-Iżvezja u s-Slovenja jassumu li l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq ser jiġu diskussi aktar fil-proċess tan-negozzjati li jmiss u li dak it-tħassib ewlieni flimkien ma' simplifikazzjoni addizzjonali ser jiġu indirizzati b'mod adegwat."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tiringrazzja lill-Presidenza tal-isforzi li għamlet biex jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali tal-Kunsill, tirrikonoxxi l-progress li għamlu l-koleġiżlaturi, u ttenni li lesta taħdem fuq il-proposta, anke fejn tidħol is-simplifikazzjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni tesprimi tħassib fir-rigward ta' approċċ ġenerali bbażat fuq għadd sinifikanti ta' emendi li meta jsiru flimkien ibiddu l-elementi ewlenin tal-proposta u jipprevjenu l-kisba tal-oġettivi tagħha, b'hekk iċaħħduha mir-raġuni tal-eżistenza tagħha. Fil-fatt, jekk jiġu adottati, dawn l-emendi jirriżultaw f'qafas tal-UE għall-monitoraġġ tal-foresti li mhuwiex adattat għall-iskop maħsub u li la jiżgura livell adegwat ta' flessibilità biex jitqies il-progress teknoloġiku futur u lanqas it-tisħiħ tar-reżiljenza meħtieġa għad-diżastri kkawżati mill-klima. Fl-istess ħin, dan iwassal għal kostijiet u piż amministrattivi akbar fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, u ma jikkontribwix għall-oġettivi li d-data standardizzata ta' kwalità għolja ssir disponibbli fl-UE kollha.

L-ewwel nett, filwaqt li l-Kummissjoni lesta taħdem mal-koleġiżlaturi favur it-titjib tal-proposta fir-rigward tal-indikaturi, it-tħassir totali tal-indikaturi kollha li għandhom jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni permezz tal-osservazzjoni tad-dinja u t-tħassir tad-dispożizzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data miġbura fuq l-art mhux ipproċessata **jimpedixxi l-kombinazzjoni tad-data ta' osservazzjoni tad-dinja u d-data miġbura fuq l-art kif ukoll jaffettwa l-kwalità u l-akuratezza tad-data**, filwaqt li s-suġġeriment li issa jmiss lill-Istati Membri li jitgħabbew bir-responsabbiltà li jiġbru ċerta data jiffa' **piż bla bżonn** fuqhom.

It-tieni, il-bidliet proposti **jipprevjenu l-immappjar** tad-data dwar il-foresti fil-livell tal-UE, u dan jillimita l-valur miżjud tar-Regolament, meta mqabbel mal-oqfsa ta' rapportar internazzjonali eżistenti, u jnaqqas il-potenzjal ta' simplifikazzjoni tal-użu tal-mapep mill-atturi fis-settur tal-foresti u mill-partijiet ikkonċernati previsti mill-proposta.

It-tielet, it-tħassir strutturali tal-frekwenza minima tal-ġbir tad-data, tal-istandards ta' akuratezza u ta' proċess tal-valutazzjoni tal-kwalità tad-data **jimmina l-oġettivi li tiġi pprovduta data dwar il-foresti f'waqtha u affidabbli** fl-UE.

Fl-aħħar nett, bit-tħassir totali tal-indikaturi kollha relatati mar-reżiljenza, il-proposta mhijiex ser tikkontribwixxi għall-progress tal-monitoraġġ f'ħin reali tal-**impatti klimatiċi fuq il-foresti tal-UE u għat-titjib tal-fehim tar-relazzjoni ta' bejn il-ġestjoni, id-diversità u r-reżiljenza**.

Il-Kummissjoni tittama li t-tħassib ewlieni tagħha jista' jiġi indirizzat matul il-proċedura leġislattiva. Jekk l-abbozz attwali tal-pożizzjoni tal-Kunsill jiġi kkonfermat mill-koleġiżlaturi, il-Kummissjoni jaf tikkunsidra li tirtira l-proposta."